Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 58**
**Tlieta 31 ta' Ottubru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Romina Galea :  Viċi Sindku
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

58.1.01 Kulhadd prezenti.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

58.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-57 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

58.3.01 B'referenza għal-minuti 51.5.05 , is-Sindku Margaret Baldachino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-applikazjoni ghall -proġett tal-Imsida Creek gie approvat mill-Awtorita ghall ipjanar ghalhekk f'zmien opportun jaqbel li itissejah laqgha sabiex jigu discussi xi punti li hemm bzonn ikunu carati.

58.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda Cir AKL 2023/086 u Cir AKL 2023/095 dwar il-Mixja President li- ser issir nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru 2023 u tghat dettalji dwar Il-postijiet tat-tluq li se jkunu tnejn mill-Palazz Verdala fit-15:00 u mill-Palazz ta' San Anton fit-15:30.

58.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar id-djarju tal-kunsill sabiex ma'jkunx hemm ordni ghall aktar milli hemm bzonn u staqsiet ghall min mil-kunsilliera jixtieq kopja sabiex ssir l-ordni
Sitt kunsilliera ordnaw wiehed

58.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda komunikazjoni minghand is-superjur dwar il-purċissjoni tradizjonali bil-bambin organizzata mill-MUSEUM ghall l-24 ta'Dicembru.

**58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

58.4.01 B'referenza ghall minuti 57.3.03, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet ghall suggerimenti dwar nies tas-sengħa tradizzjonalil-gol-Imsida li waqt id-diskussjoni gie propost persuna li taghmel xoghol ta'Induratur u sugeriet sabiex ssir kuntatt minhabba li hemm bzonn ta'ritratti addatati għal-Kalendarju 2024.Tkellmet ukoll dwar l-stammpar tal 'kalendarji li ammont minnu se jkun stampat mir-Regjun Ivant u suggerit li ghall din is-sena dan ma'ghandux jittqassam f'kull residenza bhas-snin precedenti izda li jkun hemm avviz u min vera jintersah jigi jigbor kopja mill ufficju amministrativ u jekk ikun hemm domanda akbar ssir ordni skond il-bzonn b'hekk ma'ssirx hela.
Il-Kunsilliera prezenti qablu unnanimament

58.4.02 B'referenza ghal-minuti 57.3.06, Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-kumissjoni elettorali wieġbet għal ittra mibgħuta fit-18 ta' Settembru 2023. Fejn ħadet kunsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni mill-kunsill Lokali L-Imsida li m'jsibx oġġezzjoni għat talba li jkun hemm tibdil fil-konfini f'rigward ta' Triq Patrick Holland li bħalissa tinsab fil-konfini tal-Imsida sabiex tibda tifforma parti mill-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex kif stipulat f'artikolu 3 (3) ta' l-Att dwar il-Gvern Lokali (KAP.363). Imma qabel ma tasal għal deċiżjoni finali se tkun qed tikkonsulta mal-ministru għall-wirt Nazzjonali, l-arti u l-Gvern Lokali u mar-residenti lokali, sabiex lkoll jagħtu l-fehma tagħhom dwar din it-talba.

58.4.03 B'referenza għal-minuti 57.4.04,Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li ntbghatet komunikazzjoni kif ukoll nota għal żewġt darbiet sabiex tfakkar ghat-talba għal appuntament ma' CEO għal Transport Malta f'rigward ta 'dak li seħħ u wasal għas-sitwazzjoni f'l- immaniġġjar ta' traffiku li kien hemm nhar il-Ġimgħa 22 ta 'Settembru waqt l-attività tal-kunsill Lokali għal European Mobility Week 2023. Matul il-gurnata TM wiegbet li gie nkarigat ufficjal u se jinghata appuntament fil-granet li gejjin.

Is-Sindku tkellmet dwar korrespondenza min persuna li kitbet lill kunsill dirett u anke b'avukat wara li giet publikata stqarrija fit-Times fuq is-sugett fejn qed jigi allegat li l-vettura tieghu minhabba sighat twal fit-traffiku garbet danni serji ghalhekk la il-kunsill iswed fuq l-abjad ha' responsabilita qed titlob kumpens.

Il-Kunsilliera ddiskutew l-artiklu li gie ppublikat fejn ma'hemm imkien msemmi li l-kunsill kien responsabli ghal-immanigjar ta'traffiku anzi kien qed jghid bil-kontra.Ghalhekk l-ghandu jkun hemm risposta ufficjali minghad ir-raprezentant legali tal-kunsill.

58.4.04 B'referenza ghal-minuti 57.4.06,Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li ntbghatet komunikazzjoni bil-proposti tal-Kunsill Lokali parkeġġ kontrollat bil-ħin għat-toroq msemmija .

58.4.05 B'referenza għal minuti 57.4.11, Is-sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi hjiel meta se jerga jibda ix 'xogħol tat-tarmak go Triq ix-Xatt ta'Xbiex.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li skond l-informazjoni li ghanda l-kuntrattur tilef ir-rikors fil-qorti filwaqt li Infrastructure Malta qed tara l-ahjar mod legali kif tista tmexxi f'cirkostanzi ta'appel.

58.4.06 B'referenza għal minuti 57.4.13, Is-sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm x'zviluppi dwar il-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet l-affarijiet se jibqghu l-stess sakem ikun hemm decizjoni mil-Qorti.

58.4.07 B'referenza ghal-minuti 57.4.14, Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-avukat bagħat risposta legali li tiġġustifika id-deċiżjoni tal-kunsill fil-konfront ta' sid li ħassu aggravat bil-penali imposta minħabba li żamm id-dgħajsa tiegħu li għal bosta ġimgħat fuq l-iskall aktar milli kien permess.

58.4.08 B'referenza għal-minuti 57.4.18 , Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li l-ħsara f' dawl go Triq Oscar Zammit ġiet solvuta.

58.4.09 B'referenza għal minuti 57.4.12, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-pulizija fil-komunità go L-Imsida ghadha mhux qed topera b'mod ufficjali izda ga qed iduru ma'toroq.

**58.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

58.5.01 B'referenza għall-minuti 57.5.02, is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda id-disinn tal-pjan ghall immanigjar ta'Traffiku propost go Censu Farrugia sabiex ssir One Way Ghalhekk huwa opportun li b'ftit emmendi neccesarji din terga tkun proposta biex tkun implimentata.

Il-Kunsilliera Prezenti diskutew il-pjanta u qabblu unnanimament li din tintbghat mal -ittra ghal-konsultazjoni ma'residenti tal-madwar sabiex min jixtieq iwassal l-kummenti f'rigward ta approvazjoni,oggezjoni jew proposti b'alternattiva.

58.5.02 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-problema li qed ikun hemm go Triq San Lwigi kif tkun tiela min Triq il-kuncizzjoni u spjega li din it-triq b'mod specjali ghall nofs it-tela hija dejqa wisq biex tippermetti zewgt vetturi jimanuvraw u jaghdu f'direzzjoni opposta apparti riskju li tista tigi kawzata hsara fuq karrozi ohra li jkunu gol parkegg.Ghalhekk staqsa jghal kunsiderazjoni sabiex din ssir accesibli min direzzjoni wahda jew l-fuq jew l-isfel.

Is-Sur Emanuel Brincat fakkar fil-problema li kien hemm meta b'prova giet implimentat imanigjar ta'traffiku b'direzjoni l-isfel , filwaqt li Is-Sinjura Romina Galea wiegbet li ma taqbilx li din tkun direzjoni il-fuq ghax komdu ghall min irrid jevita Triq il-Wied.
Il-kunsilliera prezenti ghamlu diskussjoni b'proposti ta' traffic lights , Speed Cameras , Wardens jew mannigjar ta'traffiku b'direzjoni l-isfel mil bridge u bil-hin bhal ma'hemm mplimentat hdejn l-skola ta'Hall Lija li tista tkun vijabli ghalhekk kien hemm qbil li ssir dissin b'pjan ghall aktar kunsiderazjoni

58.5.03 Is-Sur Jean Claude Borg ghamel referenza għal minuti 57.4.03, dwar l-programm ta' attivitajiet relatata ma' Reġjun tal-kultura 2024 u staqsa jekk kienx hemm xi fondi allokati..

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li filwaqt li tinsab informata li se jkun hemm xi fondi allokati, sal gurnata ghad ma hemmx informazjoni f'rigward ta' kif se jitqassmu.

58.5.04 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied u ippropona dawl (fairy lights) għas Sigar go Misrah San Guzepp l-stess bhal ma'sar f'sena precedenti għal kunsiderazzjoni tal-kunsilliera preżenti biex ikun applikat mill- fond numru 4 għal proġetti b'kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant għas-Sena 2023.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda l-istima li tkopri dan it-tiżjin ta' dawl (€500)
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament .

58.5.05 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-fjkolata ghall zmien il-Gimgha Kbira u pogga disinn fuq il-mejda fejn spjega li ghalkem ghadu iz-zmien certu xoghol irrid jigi preparat min qabel.Ghalhekk waqt li kien qed jara kemm se tigi l-stima sab offerta ghall kwantita ta' xemgha b'prezz baxx (500 = €150 jew 1500 = €450) minhabba xi diffett izda li huma addatati ghall l-skop msemmi.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament .
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota staqsa jekk hux possibli li dawn ikunu ordnati f'Jannar sabiex jiriflettu fl-estimi 2024.

58.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar publikazjoni ta' tielet ktieb mis-serje Karamellu tar Rahal t Isfel u proponiet sabiex il-Kunsill bhas-sena precedenti jixtri ammont ta' kotba (152) biex jitqassmu fl-iskola ta' l-Imsida. Hawn spjegat li dan ghandu jkun allokat mill Budget ta'sena 2024.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu unnanimament

58.5.07 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poggiet fuq il-Mejda talba sabiex issir poġġaman tal-azzar li għandu jitwaħħal fuq il-ħajt tas-subway go Triq L-imhallef Paolo Debono.L-skop tieghu huwa li ma'jhallix n-nies is-sakra joqghodu bil qiegħda fuq dan il-ħajt u jhallu l-iskart madwaru.Hawn spjegat li skond id-disinn anness il-hajt ikun gholi sa metru kif tipermetti l-ligi filwaqt li l-proponent qed joffri l-finanzjament ta'xoghol kollu jekk ikun approvat mill Kunsill.

Is-Sur Emanuel Brincat gharraf lill kunsilliera prezenti li flimkien ma'Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha fil-post ma'l-stess dirigent tal-attivita ekonomika privata fejn giet diskussa il-possibilita li tkun furmata Assocjazjoni tal-istabilimenti sabiex jiehdu hsieb affarijiet relatati ma' zamma ta'ambjent aktar nadif , organizat u sigur f'din iz-zona.
Il-Kunsilliera prezenti diskutew id-disinn propost u approvaw unnanimament

58.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda talba mill- Kummissjoni Żgħażagħ Ġużeppini sabiex nhar il- Ġimgħa 8 ta' Diċembru, ttellgħa attivita bħala car boot sale ma dawra kollha tal- monument tal- Ħaddiem, filgħodu.

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba li giet approvata unnanimament

58.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kunflitt f'Gaza u talba mic-Centru Kulturali sabiex ssir Bazar nhar il 25 ta'Novembru f'Misrah San Guzepp b'risq il-vittmi Palestinjani.Hawn spjegat li filwaqt li l-kunsill ma jistax joffri ghajnuna finazjarja jista jghin mod iehor billi joffri facilita bhal dawl ghall waqt l-attivita kif ukoll ghall min irrid jaghmel donazjoni ta' affarijiet billi jkun jista ihalihom fil-kunsill.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw unnanimament

58.5.10 B'referenza ghall minuti 55.5.01, Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar l-Arbli ta'dawl u fanal Dawl li ghadu ma'xeghelx go Triq L-Zahmenhoff

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-enemalta mhux b'hsieb li taqla l-arbli ta'dawl indikati filwaqt li l-kunsill qed jibghat tfakkira ghall konessjoni ta'servizz mal-fanali godda kull gimgha.

58.5.11 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-servizz tal-gbir ta'skart domestiku fejn ghad qed ikun hemm il-gmieh mill kuntrattur li qed isservi ta'ezempju biex ikun hemm munzelli ta' zibel bhal ma qed jigri fuq is-Central strip go L-Zahhemoff.Ghakhekk wara li konsulta ma' Segretarju Ezekuttiv qed jipproponi li fil-post msemmi ssir numru ta'pots bil-pjanti jew biex il-kunsill jipprova jhajar l-zvillupatur ta' bosta bini residenzjali go triq it-Torri jaghmel embellishment u jsebbah din il-bicca li tinsab ezatt faccata tieghu.

58.5.12 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar u staqsa min huwa responsabli ghall zbir ta'Sigra li hemm hdejn tal-Bocci.

Is-Sur Alfred staqsa ghall liem sigra qed jirreferi ha javza lill gardinar.

58.5.13 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar numru ta' tabelli ta'traffiku li saru meta kien ghaddej ix-xoghol go Triq Clarence sabiex jigu zarmati minhabba li qed ihawdu lis-sewieqa.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ga talab lill perit tal-IM koncernat biex jghid lill kuntrattur izarma kollox u ha nota biex jerga jibghat tfakkira.

Is-Sur Emanuel Brincat ppropona biex jigu zarmati mill kunsill jekk il-kuntrattur ma 'jiehux hsieb.

58.5.14 B'referenza ghall -minuti 53.4.13 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar ir-rampa go Triq Princess Margaret quddiem ix-showroom li suppost is-sidien kellhom jieħdu ħsieb jirranġaw ix-xaqliba li hemm u staqsa jekk jistax ssir aktar sabiex tittiehed azzjoni bhal rapport mal-health & Safety jew CRPD

Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li se jipprova jiehu cans forsi ssir ix-xoghol kif approvat PA 07935/19 għal alterazzjoni f' rampa.

58.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-gbir tal-iskart domestiku fejn osserva f'bosta granet differenti li qed jibda qabel it-8:30am li bihom avza mal-ewell lis-Segretarju Ezekuttiv.

Is-Segretarju Ezekuttiv konferma u gharraf lill kunsilliera prezenti li apparti l-kommunikazjoni f'chat kommuni qed jaghmel kuntatt telefoniku mal-kuntrattur biex jerga jibda mill gdid kif ukoll qed jintbghat email b'dettal biex ikun hemm bil-miktub rapport differenti ghall kull nuqqas rikorenti li jasal kuljum.

58.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-responsabilita tieghu fil qasam ta'persuni b'diżabilità fejn ghandu bzonn informazjoni dwarhom u staqsa jekk hux possibli li jkollu il-lista ta'residenti registrati gol-Imsida b'parkegg ghad dizzabli.

Is-Segretarju wiegeb li jista jaghti lista ta' fejn qeghdin izda li mhux cert dwar l-informazjoni b'dettalji ta'residenti ghalhekk se jiverifika.

58.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar loading / unloading bay go Upper Rue'D'Argen li aktar qed tintuza bhala reserved parking ghall l'stess zewgt vetturi.Tkellem ukoll dwar loading / unloading bay iehor go Misrah il-Barrieri li kien sar ghall attivita kumercjali li ma'ghadux jopera.Ghalhekk la mhux jintuza , minflok ghandu jssir parkegg normali
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li dak ta'Misrah il-Barrieri kien Comunal biex jintuza wkoll min attivitajiet kumercjali ohra fil vicin ghalhekk l-ewell trid tara fuqu.

58.5.18 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai ghamlet referenza ghall minuti 55.4.17 f'rigward ta'xufier ghall van il-ġdid li se jintuza ghas-servizz tal-Imsida shuttle madwar il-lokal fejn gharfet lill kunsilliera prezenti dwar komunikazjoni ma' dirigenti tas-silver T ghall-posibilita li jkun hemm xufiera min taghhom. Hawn gie spjegat li dan mhux possibli sakem il-vettura ma tkunx mghodija lilhom biex topera skond is-servizz kurrenti li mhux kompatibli ma'l-skop principali li ghalieh inghataw il-fondi ghal-van. Ghalhekk gie offrut li tinghada l-informazjoni lill xufiera li jistghu jkunu interesati japplikaw biex jipprovdu is-servizz bhala self employed. Fil fatt kien hemm min wera interres u poggiet fuq il-mejda applikazjoni ta'persuna li 1 ta' April, 2020 sal gurnata taqdi s- servizzi mal-ambulanza
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-applikazjoni tinkludi offerta ta' €11 inkluz il VAT fis-siegha li jekk tkun accetata ghanda tkunb'prova ghall perjodu qasir defenit b'kuntratt sakem tinhareg sejha ta'tender ghall dan is-servizz
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unnanimament sabiex ikun jista jinghata bidu ghas-servizz

58.5.19 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai tkellmet dwar il-Bye Law tal-Iskal li kienet item fl-Agenda fejn gharrfet lilll kunsilliera prezenti li kien se jattendi l-avukat tal-kunsill izda li kellu jhassar minhabba ragunijiet mhux previsti ta'xoghol iehor ghalhekk is-sugett se jkun pospost.

58.5.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda koppja Rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Settembru 2023 li tieħdu bħala moqrija.
Is-Segretarju Eżekuttiv wasal id-dettalji dwar il-kontenut tar-rapport fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perjodu finanzjarju għalaq b'bilanċ pożittiv ta' 33% tal-allokazzjoni annwali li tiġi mgħoddija mil-Gvern Ċentrali. Hawn tkellem dwar in-nefqa rikorrenti li hija relatata mas-servizzi li l-kunsill huwa obbligat li jagħmel skont l-artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali fejn gideb l-attenzjoni li minkeja il bilanċ baqa pożittiv kif previst fil-minuti 55.5.06 xorta gie registrat tnaqqis mis-surplus li jfiser il *cashflow* qed tiddependi mil-bilanċ ta' riservi li gew mwarrba biex jagħmlu tajjeb għal meta jingħata bidu tal-proġetti ġa approvati.Għalhekk kien mehtieg li jsiru emendi fil-baġit sabiex il-kunsill ikompli jsostni l-impenn ta' ħlas li hemm u jizgura li żomm kontroll biex jevita spejjez addizzjonali sakemm ma' jkunx hemm riżorsi finazjarji ġodda li jkunu ħarġu u ġew allokati apposta għalija.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

58.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-58 ta' ħlasijiet bejn it-27 ta 'Settembru u 31 ta ' Ottubru 2023.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u s-sekondat mis-sur Emanuel Brincat.

**58.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

58.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis 07:10 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 28 ta' Novembru il-5:30 ta' filgħaxija. Nota ta' S.E: Wara konsultazjoni bejn il kunsilliera is-seduta giet trasferita ghall Hamis 30 ta' Novembru minhabba attendenza ghall program ta'tahrig organizatt mill Assocjazjoni Kunsilli Lokali.

Minuti konfermati, illum 31 ta' Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |